KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tnax (12)***

***It-Tlieta, 28 ta' Jannar, 2020***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fit-tmienja u kwart ta' filghodu (8:15am).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa. Il-Laqgħa bdiet fit-8:45am

**12.1 Xogħlijiet minn Infrastructure Malta fil-Bypass**

12.1.1 Is-Sindku Darren Abela fetaħ id-diskussjoni dwar din il-materja fejn ippreżenta l-pjanti kollha li Infrastructure Malta qed tipproponi fix-xogħlijiet li qed isiru fil-Bypass.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Kunsillier Andreas Gatt (fid-8:48am)*

12.1.2 Wara diskussjoni, il-Kunsill ippropona li sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jitpoġġew *bollards* f'nofs ta' triq biex ma jkunx hemm *crossings* (skond kif qed tissuġerixxi Infrastructure Malta) hemm bżonn li ssir *roundabout* fil-fetħa ta' Triq il-Gudja.

12.1.3 F'każ li l-proposta tar-*roundabout* tiġi approvata, il-Kunsill qed jipproponi li jsiru *bollards*, biex il-vetturi b'direzzjoni lejn il-Gudja ma jiksrux għal Triq il-Bizzilla u Triq Santa Tereża. Il-*bollards* isiru b'tali mod li il-vetturi b'direzzjoni lejn Bir id-Deheb jistgħu jidħlu **biss** minn quddiem Triq il-Bizzilla, u joħorġu **biss** minn Triq Santa Tereża. Il-Kunsill qed jipproponi ukoll li l-i*stage* ta' ħdejn Triq il-Bizzilla jibqa fejn hu u ma jiċċaqlaqx.

12.1.4 Jekk issir ir-*roundabout*, il-Kunsill jipproponi li anki quddiem Triq it-Tgezwira jsiru *bollards* biex ma jippermettux li l-vetturi jaqsmu l-Bypass.

12.1.5 Fil-fetħa ta' quddiem Triq it-Tumbarellu, il-Kunsill jaqbel mal-proposta ta' Infrastructure Malta, u li jingħalaq l-aċċess li hemm ftit l-isfel minn Triq il-Ġewwinija, iżda jipproponi li il-fetħa ssir quddiem Triq il-Ġewwinija, li din tiġi magħluqa b'*bollards* bil-katnazz sabiex jinfetħu **biss** f'każijiet li jkun hemm bżonn jgħaddu vetturi kbar ħafna.

12.1.6 Dwar il-punti kollha imsemmijin f'materji 12.1.2, 12.1.3, 12.1.4 u 12.1.5 il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Laqgħa ntemmet fl-10.00am

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku